

Il-Qorti Ġenerali tikkonstata li riċetta tat-tabib hija indikazzjoni li huwa inkwistjoni prodott mediċinali, konstatazzjoni skont il-Qorti Ġenerali ma kinitx ikkontestata mill-appellanti. Dan ma huwiex minnu. Fis-seduta għas-sottomissjonijiet orali, ir-rappreżentant tal-appellanti speċifikament indika li, minħabba l-libertà tal-provvista ta' terapija fil-Ġermanja, it-tobba jistgħu anki jiktbu/jippreskrivu prodotti tal-ikel. Il-Qorti Ġenerali tassumi li l-konsumaturi ser jikkunsidraw li l-prodott huwa prodott mediċinali abbażi tal-preżentazzjoni tiegħu. Hija ma tiħux inkunsiderazzjoni l-għarfien tal-professionisti, li huma kompletament konxji tal-fatt li l-prodotti ta' "Ayurvedic Medicine" huma prodotti mingħajr effett u li l-prodott inkwistjoni ma kienx ingħata approvazzjoni.

(¹) Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2017, L 154, p. 1).

(²) Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 69).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consiglio di Stato (l-Italja) fl-10 ta' Marzu 2023 –
Gestore dei Servizi Energetici SpA – GSE vs Erg Eolica Ginestra Srl et**

(Kawża C-148/23, Gestore dei Servizi Energetici)

(2023/C 179/27)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Consiglio di Stato

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Gestore dei Servizi Energetici SpA – GSE

Partijiet oħra fil-proċedura: Erġ Eolica Ginestra Srl, Erġ Eolica Ginestra Srl, Erġ Eolica Campania SpA, Erġ Eolica Fossa del Lupo Srl, Erġ Eolica Amaroni Srl, Erġ Eolica Adriatica Srl, Erġ Eolica San Vincenzo Srl, Erġ Eolica San Circeo Srl, Erġ Eolica Faeto Srl, Green Vicari Srl, Erġ Wind Energy Srl, Erġ Wind Sicilia 3 Srl, Erġ Wind Sicilia 6 Srl, Erġ Wind 4 Srl, Erġ Wind 6 Srl, Erġ Wind Sicilia 5 Srl, Erġ Wind 2000 Srl, Erġ Wind Sicilia 2 Srl, Erġ Wind Sardegna Srl, Erġ Wind Sicilia 4 Srl, Erġ Hydro Srl, Erġ Power Generation SpA, Ministero dello Sviluppo Economico

Domanda preliminari

Id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE (¹), u b'mod partikolari il-premessi 8, 14, 25 u l-Artikoli 1 u 3 tagħha, kif ukoll l-Artikolu 16 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ikkunsidrati fid-dawl tal-prinċipji taċ-ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik li tirriżulta mid-dispożizzjonijiet tad-decreto legislativo 3 marzo 2011, n. 28 (id-Digriet Leġiżlattiv Nru 28 tat-3 ta' Marzu 2011) u tad-decreto ministeriale 6 luglio 2012 (id-Digriet Ministerjali tas-6 ta' Lulju 2012) – kif interpretata mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat) – li tissuġġetta l-għoti tal-inċentivi għall-iffirmar ta' kuntratti rregolati mid-dritt privat bejn GSE u l-entità responsabbli mill-impjant, anki fil-każ ta' impjanti ta' produzzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli li bdew joperaw qabel il-31 ta' Diċembru 2012?

(¹) ĠU 2009, L 140, p. 16.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Upravni sud u Zagrebu (il-Kroazja) fl-20 ta' Marzu
2023 – UP CAFFE d.o.o. vs Ministarstvo financija Republike Hrvatske**

(Kawża C-171/23, UP CAFFE)

(2023/C 179/28)

Lingwa tal-kawża: il-Kroat

Qorti tar-rinviju

Upravni sud u Zagrebu

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: UP CAFFE d.o.o.

Konvenut: Ministarstvo financija Republike Hrvatske

Domanda preliminari

Id-dritt tal-Unjoni jobbliga lill-awtoritajiet u lill-qrati nazzjonali jiddeterminaw it-taxxa fuq il-valur miżjud dovuta (u mhux jiċħdu t-talba għar-rimbors tat-taxxa) meta elementi oġġettivi tal-każ ineżami juru li twettqet evażjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud bl-inkorporazzjoni ta' kumpannija ġdida, jiġifieri bit-terminazzjoni tal-kontinwità fiskali tan-negozju preċedenti, f'sitwazzjoni fejn il-persuna taxxabli taf jew setgħet tkun taf li pparteċipat f'tali azzjoni u fil-każ li l-leġiżlazzjoni nazzjonali ma tipprevedix, fil-mument li fih iseħħ il-fatt taxxabli, tali determinazzjoni?

Rikors ippreżentat fit-23 ta' Marzu 2023 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Bulgarija

(Kawża C-186/23)

(2023/C 179/29)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

Partijiet

Rikorrent: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Koleva, J. Samnadda)

Konvenut: Ir-Repubblika tal-Bulgarija

Motivi u argumenti prinċipali

Id-Direttiva (UE) 2019/790 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-Suq Uniku Diġitali u li temenda d-Direttivi 96/9/KE u 2001/29/KE (iktar 'il quddiem id-"Direttiva") tistabbilixxi regoli intiżi li jkomplu jarmonizzaw id-dritt tal-Unjoni applikabbli għad-drittijiet tal-awtur u għad-drittijiet relatati fil-kuntest tas-suq intern, fid-dawl b'mod partikolari tal-użu diġitali u transkonfinali ta' kontenut protett. Hija tistabbilixxi wkoll regoli dwar eċċezzjonijiet u limitazzjonijiet fir-rigward tad-drittijiet tal-awtur u tad-drittijiet relatati, u dwar il-faċilitazzjoni tal-liċenzji, kif ukoll regoli intiżi li jiġi żgurati il-funzjonament tajjeb tas-suq għall-isfruttament ta' xogħlijiet u ta' materjal protett ieħor. L-Artikolu 29 tad-Direttiva jistabbilixxi s-7 ta' Ġunju 2021 bħala t-terminu għat-traspożizzjoni tad-Direttiva mill-Istati Membri. Skont l-Artikolu 29(2) tad-Direttiva, "[I]-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva".

Fit-23 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni baġtet ittra ta' intimazzjoni lir-Repubblika tal-Bulgarija. Fid-19 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni ħarġet opinjoni motivata fil-konfront tar-Repubblika tal-Bulgarija. Madankollu, il-miżuri għat-traspożizzjoni tad-Direttiva għadhom ma ġewx adottati jew, fi kwalunkwe każ, ma ġewx ikkomunikati lill-Kummissjoni.

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

1. tikkonstata li, billi naqset milli tadotta d-dispożizzjonijiet leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva (UE) 2019/790 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-Suq Uniku Diġitali u li temenda d-Direttivi 96/9/KE u 2001/29/KE⁽¹⁾ u billi naqset milli tikkomunika dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni, ir-Repubblika tal-Bulgarija naqset milli twestaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 29 tad-Direttiva;
2. tikkundanna lir-Repubblika tal-Bulgarija tħallas lill-Kummissjoni somma f'daqqa li tikkorrispondi għall-ewwel waħda minn dawn l-ammonti: (I) somma ta' kuljum ta' EUR 1 800, immultiplikata bin-numru ta' ġranet bejn il-ġurnata ta' wara dik li fiha skada t-terminu għat-traspożizzjoni previst fid-Direttiva u l-ġurnata li fiha jintemm il-ksur, jew, fil-każ li l-ksur ma jintemmx, il-ġurnata li fiha tingħata deċizzjoni f'din il-kawża; (II) somma f'daqqa ta' minn tal-inqas EUR 504 000;